MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1843/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Pimpernel**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u seba' liri Maltin (Lm207.00), u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 t'April, 2001;**
**Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas is-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin (Lm207.00) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avviz legali**

**219 u 220 ta' l-1998), u dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Dicembru, 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li din il-kawza giet differita kemm il-darba sabiex is-socjeta` attrici tirregola ruhha, in kwantu l-konvenut kif ingunt ma ghandu ebda personalita` guridika, u konsegwentement ma setghax jitharrek kif gie imharrek. Is-socjeta` attrici baqghet ma rregolatx ruhha fir-rigward.**

**Ghaldaqstant peress illi l-kawza kif proposta hija insostenibbli kontra l-konvenut imsemmi, it-Tribunal qed jichad it-talba bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**